# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru : 129/2019JPG**

**Kawza Numru : 22**

**ES**

**vs**

**JS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' ES detentur tal-karta tal-identita' bin-numru X, datat 13 ta' Marzu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) fil-knisja parrokjali tas-Sacro Cuor tas-Sliema, Malta, hekk kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg bin-numru progressive 793/1991 hawn anness u mmarkat bhala Dok. ES01;*

*Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin. Difatti huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella datat nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000), kopja ta' liema qieghda hawn annessa u mmarkat bhala Dok. ES02;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ferm aktar minn erba' (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin;*

*Illi ghalhekk il-partijiet m'ghandhom l-ebda kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluz ebda hlas ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u reverentement jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet iccelebrat nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u weiehed u disghin (1991), huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2) *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffisat mill-istess Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg;*

*Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-intimata minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat  ir-risposta ta' JS, datata 2 ta' Mejju 2019, a fol 16 li taqra hekk:

*Illi ma ssib l-ebda oggezzjoni sabiex din l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet stante:*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella datat nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erbgha (4) snin mifrudin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhom l-ebda tfal;*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin u ghaldaqstant m'hemm l-ebda pendenzi;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**ES** xehed illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Mejju 1991, u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fl-20 ta' Settembru 2000 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment peress illi fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment minghand xulxin. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal ferm aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**JS** xehdet u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda moghtija mir-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-***

***divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Mejju 1991 (vide Dok ES01 fol 12 ) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhom ebda wild;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Nicholas Vella datat 20 ta' Settembru 2000 (vide Dok.ES02 fol 7 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal aktar minn erba' snin, u tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilhu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**